MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 15/2007/1

**Mario Vella**

**vs**

**Ray Abela u skond digriet tat-13 ta’ Gunju 2007 giet kjamata in kawza s-socjeta` “The Computer Training Course Ltd”**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Marzu, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-9 ta’ Jannar, 2007 fejn gie eccepit illi fil-maratona tal-Eden Foundation tas-sena, (mhux msemmija) l-attur rebah computer komplut ghall-valur ta’ Lm500 minghand TCTC. Mar ikellem lis-Sur Ray

Abela biex jikklejmja il-computer u spegalu li bhalissa qed jirranga il-post nru 101/2, St. Joseph Street, Luqa u ghandna hafna trabijiet. Huwa qallu li mhux problema, ha jzommu fl-istores sakemm ilesti l-post, allavolja ghidtlu li se niehdu xi sentejn. Huwa ffirmalna l-karta tal-claim fejn tiddiskrivi ezatt xi rbahna u qalilna li kif inkunu komdi mmorru bil-karta ghandu.

Meta mar biex jigbor l-computer u gie mgharraf li ma jridx jirrikonoxxi l-karta ffirmata minnu stess li tintitolah ghal hames mitt lira computer.

Ra r-Risposta tas-26 ta’ Frar, 2007 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi : (1) il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur, (2) bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti bit-terminu ta’ sentejn, (3) illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li dan it-Tribunal hu kompetenti jiddeciedi kwistjonijiet ta’ flus u mhux oggetti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors ta’ l-attur tat-12 ta’ Gunju 2007 degretat fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2007.

Sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi l-konvenut ma’ ressaq ebda provi.

Ra illi fl-ahhar zewg seduti la deher il-konvenut u lanqas d-difensur tieghu.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500) rapprezentanti computer minnhu mirbuh izda mhux kkonsenjat lilu.

> Illi x-xhiedha u l-provi prodotti mill-attur mhux ikkontestati.
>
> Illi ma` tressqu ebda provi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u addirittura lanqas gie ndikat l-Artikolu tal-ligi li fuqu bbaza t-tieni eccezzjoni riferibbli ghall-preskrizzjoni.
>
> Ghaldaqstant, in vista ta’ dan, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u erbgha u sittin Euros u disgha u sittin Euro centezmi (€1164.69) ekwivalenti ghal hames mitt Liri Maltin (Lm500), kif mitlub fl-Avviz.
>
> Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitlub.”

L-appell tal-konvenut u tas-socjeta` kjamata fil-kawza di fronte ghal din is-sentenza hu bazat fuq dawn l-aggravji:-

(1) L-att ta’ l-Avviz kif propost quddiem it-Tribunal huwa irritu u null in kwantu ma kien jikkontjeni ebda talba li kellha tkun deciza;

(2) It-talba kif koncepita ma setghet qatt tattira l-kompetenza tat-Tribunal ghaliex mhix wahda ta’ hlas ta’ ammont ta’ flus izda ta’ konsenja ta’ oggett. Jissottomettu f’dan l-istess kuntest illi l-obbligazzjoni taghhom kienet li huma jaghtu lill-attur kompjuter li l-valur tieghu kien ta’ cirka hames mitt lira (Lm500);

In linea preliminari din il-Qorti ma tistax tonqos li tinnota l-kontradittorjeta bejn iz-zewg aggravji ta’ indoli procedurali ghaliex filli, bl-ewwel gravam, l-appellanti jghidu li l-Avviz ma kien jikkontjeni ebda *petitum* u filli jikkontendu, bit-tieni obbjezzjoni, illi l-*petitum* ma kienx jidhol fl-isfera ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal adit. F’kull kaz din il-Qorti lanqas ma tista’ tokkupa ruhha mill-ewwel ilment in kwantu l-mertu tieghu mhux biss ma kienx jifforma xi eccezzjoni sottomessa mill-appellanti izda, ukoll, f’ebda parti tas-

sentenza appellata ma hemm imsemmi, u wisq anqas deciz, il-punt ventilat issa f'din l-istanza;

Sa recentement hafna din il-Qorti, kif presjeduta, kellha dan x'tikkummenta in meritu ta' kontroversji godda sollevati ghall-ewwel darba fi stadju ta' l-appell:-

"Jibda biex jinghad b'introduzzjoni illi l-appell hu mezz koncess ghal fini illi l-appellanti, bl-aggravji tieghu, jirrimetti in diskussjoni, fil-konfront tal-parti avversarja, l-oggett tal-provvediment jew tas-sentenza tal-qorti jew tribunal ta' l-ewwel grad. In kwantu tali, ma tistax tammetti illi l-appellanti jressaq quddiemha domandi taht forma ta' gravam li jintroducu fatti u cirkustanzi, anke guridici, li ma gewx allegati u definiti fl-ewwel istanza. Dan ghal raguni illi jekk jithalla jsir dan, jigi introdott fil-process fl-istadju ta' l-appell tema gdida ta' indagini u ta' decizjoni li taltera l-oggett sostanzjali tat-termini tal-kontroversja quddiem l-ewwel tribunal. Dan certament mhux lecitu li jsir in kwantu Qorti ta' Appell b'funzjoni esklussiva li tirrevedi l-process issir hi stess qorti ta' l-ewwel istanza u dan iwassal ghal stultifikar tas-sistema gudizzjarja." ("**Anthony Zarb -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", 30 ta' April, 2008);

F'din l-istess decizjoni ssokta, imbaghad, jigi rilevat illi l-aggravju hekk sottomess ghandu jitqies inammissibbli, jew ahjar, improponibbli in kwantu l-ewwel tribunal ma jkunx issofferma fuq il-kwestjoni sottostanti tieghu u lanqas ikun statwixxa dwarha la ma gietx sollevata quddiemu. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant, ghal konsiderazzjonijiet premessi, jigi rigettat;

Fuq it-tieni motiv ta' aggravju l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, ghandha taghmel dawn il-premessi:-

(1) Anke jekk mhux essenzjali li l-*causa petendi* jew il-*petitum* f'kawza quddiem it-Tribunal isegwu xi

formola sagramentali, xorta wahda hu mistenni, imbaghad, li dawn ikunu cari u li jinftehmu;

(2) L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza, ghalkemm sottoposta, ma gietx, imbaghad, doverosament konsegwita minn xi dibattitu ghaliex ghal ben tliet seduti konsekuttivi la dehru l-appellanti u lanqas l-Avukat difensur taghhom. Ara verbali a fol. 19, 20 u 21 tal-process;

Fil-qosor hafna, il-fatti rilevanti tal-kaz huma dawn:-

(1) Fil-lotterija mnedija mill-Eden Foundation l-attur kien rebbieh ta' *voucher* ta' hames mitt lira li hu kellu jsarraf ghand is-socjeta` kjamata fil-kawza;

(2) Skond il-fattura a fol. 3 datata 15 ta' Novembru 2004 hemm indikat id-dettalji kollha tal-kompjuter abbinat ma' dak il-*voucher*;

(3) Meta aktar tard l-attur mar biex jirtira dan il-kompjuter l-appellanti rrifjutaw li jaghmlu l-kunsinna tieghu;

Gja gie osservat illi t-talba attrici mhix redatta b'mod intelligibbli. Dan ghaliex mhux car jekk l-attur huwiex qed jotlob il-kunsinna tal-kompjuter jew il-valur tieghu. Meta imbaghad wiehed jghaddi biex jaghsar ix-xhieda ta' l-attur (fol. 15) u dik ta' Karen Sciberras (fol. 17), xhud prodotta minnu, l-indikazzjoni x'aktarx hi li l-attur kien qed jikkonsegwi almenu l-valur tal-*voucher* li kien rebah. Dan igib li t-talba kif koncepita tikkomprendi virtwalment id-domanda ghall-hlas tal-valur tal-kompjuter u, ghal skop ta' kompetenza, dan jaghmel it-talba fil-qafas ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380. Wara kollox, hu wkoll sew maghruf il-principju illi "*pretium tenet locum rei*", u pretensjoni ghal konsenja ta' oggett tekwivali sostanzjalment ghal talba ghall-prezz jew valur tieghu. Ara a propozitu "**Derek J. Scanlen *nomine* -vs- Joseph Gasan *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 17 ta' Gunju, 1946 u "**Lewis Cassar Demajo *et nomine et* -vs- L-Avuktar Dottor John Pullicino *nomine et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Mejju, 1990. Anke ghal din ir-raguni it-tieni kap ta' aggravju qed jitqies insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell hu michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------